MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Avviz Numru. 278/2004

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema is-socjeta’ attrici talbet l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, tlett mija u sebghin Liri Maltin u wiehed  u sittin centezmu (LM2,370.61), rapprezentanti l-prezz ta’ materjal ta’ bini mibjugh u ikkonsenjat lilu mis-socjeta’ attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficju tieghu.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 24 ta’ Marzu, 2004 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli b’effett mid-data illi fiha saret il-konsenja tal-merkanzija u cioe’ mit-8 ta’ Awissu 2003 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talbiet attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jrrispondi ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti għalhekk qegħda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu s-somma ta' elfejn, tlett mija u sebgħin Liri Maltin u wieħed u sittin ċentezmu (LM2,370.61) għar-raġunijiet indikati fl-avviż bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------